**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Zahra**

**Illum, 16 ta' Dicembru 2024**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Joseph Zahra, bin Joseph u Anne Cutajar, m/B'Bugia fl-06/04/1953 ta' Officers Mess, Blk 5, Hse 2, Triq Hal-Far Zurrieq, ID No: 293553M**

Akkuzat talli nhar l-1 ta' Settembru 2021, ghall-habta ta' 19:20hrs waqt li kont gewwa Triq B'Bugia, B'Bugia:

1. Issoggetta lil persuna ohra ghal xi att u/jew imgieba li jkollhom konnotazzjonijeit sesswali, inkluz kliem bil-fomm, mossi u/jew

ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi u/jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem jew imgieba mhumiex mixtieqa mill-vittma u jkunu jistghu ragonevolment jigu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degredanti u/jew intimidatorji lejha;

2. Inqast li tattendi f'ghassa wara li tinghata avviz mill-Pulizija sabiex taghmel dan wara li kont avzat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviz bil-miktub mill-Pulizija sabiex tattendi fl-ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq, sabiex taghti dak it-taghrif u/jew ggib mieghek dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinhtiegu fuq xi nvestigazzjoni, inqast li taghmel dan;

3. Inqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek minn PS 133. Ufficjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tieghu jew ma hallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indhalt lil imsemmi ufficjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz li ssib lill-imputat hati tapplika Art 383 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz li ssib lill-imputat hati tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offica skont Art 412C tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

[1] Folio 1 tal-process.

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li ser tistrieh fuq l-atti.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2024.[2]

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**
**Il-Fatti fil-Qosor.**

Din il-vertenza tirrigwarda l-fatt li l-imputat allegatament immolesta lil Evelyn Cezek waqt li din kienet Birzebbugia. L-imputat qed jigi ukoll akkuzat li naqas jattendi l-ghassa meta hekk mitlub u li ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija.

**Ikkunsidrat:**
**Provi.**

Xehdet **PS 2323 R. Gauci** fejn qalet li ghall-habta ta' 19.55 hrs irecevew telefonata gewwa l-ghassa ta' Marsaskala fejn intqal li kien hemm ragel taghha li waqqaf pedofilu. PS 133 irraporta fuq il-post fejn sab lil Ivan Cezek b'krozza f'idu u Evelyn Cezek u lil Joseph Zahra fi Triq il-Qaliet, Marsaskala. Evelyn qalet li meta kienet fuq l-istage ta' B' Bugia Zahra beda jiffastidjaha u jsaqsiha domandi bhal '**Liema bus number ha taqbad? 119 Inti min hawn? U talabha ukoll tirrangalu l-hin tal-mobile tieghu u talabha tpoggi hdejh**. Hi talbet lil PS 133 biex ihejji ir-rapport dwar l-incident u **<u>jinforma lil Zahra biex fl-4 ta'</u>**

[2] Folio 33 tal-process.

**Settembru 2021 jirraporta l-ghassa ta' B'Bugia bejn 6:00 u 18.00 hrs**.[3] Dan Zahra pero' ma irrapurtax kif mitlub.

Joseph Zahra irraporta fl-ghassa nhar il-5 ta' Settembru 2021 l-Ghassa taz-Zurrieq fejn wara li inghata it-twissijiet tieghu skond il-ligi iddikjara li fl-1 ta' Settembru 2021 fl-16.00 hrs huwa kien diga' Marsaskala ghax kellu appuntament mal-avukat tieghu Dr. Peter Paul Zammit.[4]

Xehed **PS 133 J.C. Mangion** fejn qal li fl-1 ta' Settembru 2021 ghall-habta ta' 19.55hrs dahlet telefonata l-ghassa ta' marsaskala fejn gie irrapurtat li kien hemm ragel u waqqaf pedofelu. Jghid li irrapurta fuq il-post u sab lil Ivan u Evelyn Cezek u lil Joseph Zahra fejn qaltlu li meta kienet fuq l-istage ta' B'Bugia Zahra beda jiffastidjaha u jsaqsiha domandi bhal '**Liema bus number ha taqbad? 119 Inti min hawn? U talabha ukoll tirrangalu l-hin tal-mobile tieghu u talabha tpoggi hdejh. Hija qaltlu li l-mobile ma tafx tirrangah u Zahra hadu lura. Evelyn kompliet tghid li Joseph Zahra beda isaqsiha x'jisimha u kemm ghandha zmien fejn hija wegbitu u gidbitlu. Zahra qalilha li hija zghira u qallilha jekk ghandiex laqam Birzebbugia u ta' min kienet. Zahra qalilha li ghandha gisem iffurmat u ghandha l-hwejjeg issikkati. Hija bdiet titbieghed minnu u Zahra beda jghidilha biex tigi 'l hawn.**[5]

Ivan Cezek, meta mitkellem, qal li meta waslet lura id-dar bintu ma setetx titkellem ghal madwar hames (5) minuti 'because she was very upset'. Jghid li huwa hadha mieghu biex ifittxu lil Zahra u sabuh

[3] Enfazi u sottolinejar ta' din il-Qorti.

[4] Folio 2 u 4 tal-process.

[5] Folio 5 u 6 tal-process.

Marsaskala wara li mxew mar-rotta tal-karrozza tal-linja. Hu jispjega kif irnexxielu jwaqqaf lil Zahra.

Ikompli ghid li 'infurmajt lill-PS 2323 mill-ghassa taz-Zurrieq b'dan kollu fejn qaltli '**<u>sabiex nghid lil Joseph jirraporta l-ghassa taz-Zurrieq nhar is-Sibt 4 ta' Settembru 2021</u>**.'[6]

Xehdet **Evelyn Cezek** nhar is-16 ta' Gunju 2023 fejn qalet testwalment is-segwenti:

**'….kont hemm bil-wieqfa nistenna u r-ragel kien hemm diga' bil-qieghda u jiena bqajt bil-wieqfa u mill-ewwel kellimni qalli, saqsieni liema, fejn sejra, liema linja ha naqbad u ma bdejtx nirrispondieh imma baqa' jsaqsini u ghidtlu imbaghad. Beda jsaqsini x'jisimni, kemm ghandi zmien, jekk hux minn hawn, ta' min inti, qalli, imbaghad qisni iktar bdejt nersaq il-boghod u iktar beda jkellimni. Qalli, beda jhares hafna lejja l-fuq u l-isfel, qalli li ghal kemm ghandi zmien zviluppata hafna, harisli l-isfel u qalli li ghandi l-qalziet issikkat hafna mieghi u beda jghidli biex impoggi hdejh u baqa' jghidli. Iktar ma bdejt nersaq il-boghod beda johrog idu l-barra qisu jghidli biex immur hdejh, imbaghad ersaqt, bqajt nersaq il-boghod u rajtu ha jqum u tlaqt u gejt id-dar'.**

Tghid li l-ewwel qaltlu li kellha 16 pero' dak iz-zmien kellha 17-il sena.

**Ikkunsidrat:**

Id-difiza bazikament qed tikkontendi zewg affarijiet:

---

[6] Folio 7 tal-process. Sottolinejar u enfasi tal-Qorti.

1. Dak li allegatament gahmel Zahra mhux molestja ai termini tal-artikolu 251A (1) (e ) tal-Kapitolu 9;

2. L-avviz biex wiehed jirraporta fl-ghassa tal-pulizija ghandu bil-fors ikun bil-miktub.

**Ikkunsidrat:**

**L-artikolu 355 AD (3)(4)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta** jaqra testwalment is-segwenti:

**(3) Il-Pulizija tista, <u>bil-fomm jew b'avviż bil-miktub</u>[7], teħtieġ lil xi persuna li tattendi l-Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li tindikalha sabiex hemm tagħti dak it-tagħrif u ġġib magħha dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistgħu jinħtieġu u jekk dik il-persuna hekk tattendi fl-Għassa tal-Pulizija jew post lilha indikat hija għandha titqies bħala li tkun attendiet dik l-Għassa tal-Pulizija jew post ieħor volontarjament. L-avviż bil-miktub imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jkun fih twissija dwar il-konsegwenzi li n-nuqqas ta' tħaris iġib miegħu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu(5).**

**(4) Kull min il-Pulizija tqis li jkollu xi tagħrif jew dokument rilevanti għal xi investigazzjoni, għandu l-obbligu legali li jimxi mat-talba li ssirlu mill-Pulizija li jattendi f'Għassa tal-Pulizija sabiex hemm jagħti kif ikun meħtieġ dak it-tagħrif jew dokument:**

**Iżda ħadd ma jkun marbut li jagħti xi tagħrif jew dokument li jista' jinkriminaha.**

---

[7] Sottolinejar tal-Qorti.

**(5) Persuna li tonqos milli tħares xi avviż bil-miktub bħal ma hemm imsemmi fis-subartikolu (3) jew li tonqos, meta tkun hekk ġiet mitluba, <u>ukoll jekk biss bil-fomm</u>, li tmur minn jeddha ma' uffiċjal tal-Pulizija f'xi Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3) msemmi, tkun ħatja ta' kontravvenzjoni punibbli b'detenzjoni u tkun tista' tiġi arrestata minnufih taħt mandat.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tirribadixxi liil-prosekuzzjoni f'kaz ta' natura kriminali trid tikkonvinci lil min imsejjah biex jiggudika lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputat ghandu jinsatb hati tal-akkuza kif dedotti. Il-provi iridu jkunu cari u jippuntaw lejn l-istess direzzjoni. Fil-kawza **Il-Pulizija vs Maria Dolores Montebello et** (App. Nru. 83/2020) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' April 2023 per Onorevoli Imhallef Neville Camilleri intqal is-segwenti:

***Illi fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tisħaq li t-tielet (3) imputazzjoni ma kinitx ippruvata lil hinn minn kull dubju raġjonevoli u li l-uniċi provi li tressqu kienu żewġ affidavits. Tisħaq li l-letters to call ma ġewx eżibiti mill-Prosekuzzjoni u li lanqas ma xehdu l-Pulizija tad-distrett li jissemmew f'dawn l-affidavits. Tisħaq li l-konsulent legali tagħha talab biex jingħata data oħra għall-appuntament u li għalhekk hija kienet qed tipprova żżomm l-appuntament. Tinnega li kienet irċeviet żewġ avviżi bil-miktub u ssostni li l-Prosekuzzjoni naqset li ġġib l-aħjar prova.***

***Illi dwar l-aggravju in eżami <u>din il-Qorti tinnota li mid-diċitura tal-liġi stess jirriżulta li l-Pulizija tista' tinforma lil dak li jkun bil-fomm u għalhekk m'hemmx għalfejn isir ukoll bil-miktub – għalkemm it-tieni</u>***

***<u>metodu ta' kuntatt jista' jkun aħjar</u>.[8] Għalhekk il-Qorti mhix qed tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellanti sakemm għandu x'jaqsam mal-preżentazzjoni tal-aħjar prova għaliex dan sar permezz ta' żewġ affidavits. Isegwi li l-preżentazzjoni tal-letter to call ma kinitx waħda indispensabbli biex ikun hemm l-aħjar prova fil-proċeduri.[9]***

Fil-kaz in ezami, ghal kuntrarju li qed tipprova tissottmetti id-difiza l-ordni biex wiehed jirraporta gewwa ghassa tista' issir ukoll bil-fomm. Pero' il-Qorti mhix konvinta x'ordnijiet taw il-pulizija lill-imputat Zahra ghax hemm divergenzi sostanzjali dwar fejn effettivament qalulu biex jirraporta nhar is-Sibt 4 ta' Settembru 2024. **Fil-fatt PS 2323 Gauci tghid li kellu jirraporta Birzebbugia filwaqt li PS 133 jghid li qalulu biex jirraporta l-ghassa taz-Zurrieq. Barra min hekk lanqas jidher li tawh xi ordni fi Triq B'Bugia, B'Bugia u allura jekk inghatat xi ordni ma tikkonfigurax lanqas li setet inghata fil-lok tal-akkuza!**

**L-ordnijiet tal-pulizija iridu jkunu cari u mhux nofs kedda u dawk l-ordnijiet iridu jigu rispekkjati b'daqstant certezza u kjarezza mill-atti processwali.**

**F'dan il-kaz hemm dubju serju x'ordnijiet gew moghtija lill-imputat u dan ghandu jimmilita favur l-imputat. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis illi l-akkuzi numru tnejn (2) u tlieta (3) ma jirrizultawx u l-imputat ghandu jigi liberat minnhom.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina dak li gara, ossija jekk id-diskors li allegatament sar f'Birzebbugia mill-imputat lill-vittma jikkostitwixxix

[8] Enfazi ta' din il-Qorti.

[9] Pagna 6 tas-sentenza.

ir-reat hekk kif kontemplat fl-artikolu 251A(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta specjalment fl-isfond li l-vittma dak in-nhar kellha 17-il sena.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali recentement qalet is-segwenti fil-kawza **Il-Pulizija vs Roger Galea** (App.Nru. 215/2022) deciza fis-6 ta' Jannar 2023:

**Illi fost ir-reati l-ġodda maħluqa wara r-ratifikazzjoni ta' din il-Konvenzjoni hemm dawk imħaddna fl-artikolu 251A(1)(ċ)(d) u (e) tal-Kodiċi Kriminali li jitkellmu dwar il-ħsara ta' natura sesswali perpetrata fuq il-vittma mill-awtur tar-reat. Illi minn qari tad-diċitura ta' dawn ir-reati l-ġodda, huwa evidenti li l-att vjolattiv tal-liġi ma għadux dak ta' imġieba devjanti mifruxa fuq iktar minn okkażjoni waħda, iżda jirriżulta ukoll meta ikun hemm att wieħed li jaqa' fid-definizzjoni ta' dawn is-sub-inċiżi ġodda għall-artikolu 251A. B'mod speċifiku is-sub-inċiż (1)(e) li jikkontempla ir-reat addebitat lill-appellat jitkellem fuq "att u, jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali", b'distinzjoni ċara bejn il-kelma "att" u "imġieba", bir-reat allura jissussisti anke meta ikun hemm att vjolattiv wieħed. Illi anke t-test Ingliż għal-liġi ma jirrendix lill-awtur tar-reat ħati biss meta "(he) pursues a course of conduct" iżda meta "(he) subjects another person to any act and, or conduct with sexual connotations", b'distinzjoni hawnhekk ukoll bejn il-kelma "act" u "conduct".**

**Illi l-artikolu 40 tal-Konvenzjoni fil-fatt, meta jitkellem fuq il-fastidju sesswali, jimponi s-segwenti obbligu fuq il-firmatarji għat-Trattat: "Il-Partijiet għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħrajn neċessarji sabiex jiżguraw li kwalunkwe forma ta' mġieba verbali, mhux verbali jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali bil-għan jew bl-effett li jmur kontra d-dinjità ta' persuna,**

**b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degredanti, umiljanti jew offensiv, tkun soġġetta għal sanzjoni kriminali jew sanzjoni legali oħra."**

**Issa l-Ewwel Qorti ġustament waslet għal konkluzjoni li l-imġieba tal-appellat kienet waħda b'konnotazzjonijiet sesswali, li ma kinitx mixtieqa u "indubjament wieħed ta' intimidazzjoni, degradanti u offensiv lejn il-vittma."**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti bla tlaqlieq tghid li l-imputat twieled fis-6 ta' April 1953 skond l-avviz ta' dehra u allura kellu kwazi 70 sena a differenza tal-vittma li kellha biss 17-il sena. Jigifieri hemm qabza kbira fl-eta'. Il-fatt li huwa ikkumenta fuq il-fattizzi tal-vittma meta qalilha li '***ghandha gisem iffurmat u ghandha l-hwejjeg issikkati***' minghajr dubju, u fic-cirkostanzi tal-kaz huma kummenti b'konnotazzjonijiet sesswali li l-imputat qatt ma missu li qalhom lil hadd specjalment li daqsxejn ta' xebba ta' 17- il sena. B'dak id-diskors u bl-imgieba generali tieghu, ossija il-mossi li ghamel, seta' ragenovalment jobsor li kienu umiljanti, offensivi u degradanti u li fil-fatt intimidawha tant li harbet minn fuq il-post u li meta waslet id-dar kienet taht xokk.

Il-Qorti temmen li l-vittma u l-genitur taghha kienu cari f'dak li qalu lill-pulizija a tempo vergine u l-vittma kienet cara meta xehdet quddiem din il-Qorti. Ix-xhieda taghha bl-ebda mod ma giet kontradetta mill-imputat b'xi kontro-ezami!

**Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-ewwel akkuza tissussisti u giet ampjament pruvata kif rikjest fil-kamp kriminali.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnota li l-incidenti fuq vittmi nisa qed jizdiedu. Il-Qorti hija ukoll serjament imhassba dwar l-effetti ta' tali molestji fuq in-nisa u l-effetti taghhom fuq il-hajja futura taghhom wara tali incidenti. Il-Qorti hadet ukoll nota tal-eta' tal-imputat li huwa persuna li suppost altru milli matura li ma iddejjaq xejn jimmolesta tfajla ta' anqas minn 18- il sena f'lok pubbliku f'lejla sajfija.

Il-Qorti trid twassal messagg car li anki kliem u gesti ta' konnotazzjoni sesswali huma gravi u jistghu joholqu turbament fuq il-vittma. Fi kwalunkwe kaz min ikun ghall-affari tieghu f'post pubbliku bl-ebda mod ma ghandu jigi iffastidjat.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 251A(1)(e), 251A(4), 338(ee), 355AD (3)(4)(5), tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-imputat **Joseph Zahra MHUX HATI** tal-akkuza numru tnejn (2) u tlieta (3), filwaqt illi ssib lill-imputat **JOSEPH ZAHRA HATI** tal-ewwel akkuza dedotta kontra tiegħu u qed tikkundanah għall-perijodu ta' priġunerija ta' sitt xhur, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġi sospiż għall-perijodu ta' sentejn li jibdew jiddekorru minn meta din is-sentenza issir res judicata u qed tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa ta' hamest' elef Ewro (€5,000) li ghandha tithallas fi zmien ghoxrin (20) xahar minn meta din is-sentenza issir res judicata b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn u hamsin Ewro fix-xahar (€250) bl-ewwel pagament isir dovut fl-1 ta' Frar 2025 u f'kull l-ewwel gurnata ta' kull xahar sussegwentement.

Il-Qorti tordna ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat Joseph Zahra favur Evelyn Cezek, ai termini tal-Artikolu 382A

tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għal zmien sena minn meta din is-sentenza issir res judicata.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car u semplici l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

**Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza, u jekk huwa jikser l-Ordni tat-Trażżin imposta fuqu.**

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Agenzija tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 16 ta' Dicembru 2024 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

**Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**
**Magistrat**

**Annalise Mifsud**
**Deputat Registratur.**